MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru 381/2010

Il-Pulizija
(Spetturi Anthony Portelli u Anna Marie Micallef)

vs

Michael Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 440071 (M), akkuzat talli :

1. f'Birkirkara nhar l-4 ta' Marzu 2010, f'xi hin bejn it-3:00pm u l-4:00pm ikkommetta serq ta' telefon cellulari ta' ghamla Blackberry, valur ta 400 ewro minn vettura ta' ghamla Fiat 500 bin-numru tar-registrazzjoni GUF-112, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u x-xorta

tal-haga misruqa liema serq sar ghad-detriment ta’ Dott. John Zammit Montebello MD u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fl-imsemmija vettura, liema hsara li teccedi 116.47 ewro izda inqas minn 2,329.37 ewro, saret ghad-dannu ta’ l-imsemmi Dott. John Zammit Montebello MD u/jew persuni ohra;

3. fl- 4 ta’ Marzu 2010 u fil-jiem ta’ wara, xjentement laqa’ ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew b’kull mod li jkun indahal biex ibighhom jew imexxihom, u cioè l-imsemmi telefon cellulari valur ta’ 400 euro, liema serq kien sar ghad-detriment ta’ l-imsemmi Dott. John Zammit Montebello MD u/jew persuni ohra;

4. f’ Ta’ Xbiex nhar id-19 ta’ April 2010 ghall-habta tal-11:30am, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioè serq minn vettura ta’ l-ghamla Skoda Favorit bin-numru tar-registrazzjoni FAZ-014, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri 232.94 ewro izda li jeccedix 2,329.37 ewro, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Nicolai Gauci u/jew persuni ohra;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voltarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fl-imsemmija vettura, liema hsara li teccedi 11.65 ewro izda inqas minn 116.47 euro, saret ghad-dannu ta’ l-imsemmi Nicolai Gauci u/jew persuni ohra;

il-Qorti mitluba li f’kas ta’ htija titratta lil imputata bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell u tal-

Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Semghet x-xhieda qabel ma' l-imputat fl-udjenza tat- 3 ta' Novembru 2011 irregistra ammissjoni.

Semghet l-imputat jirriafferma l-ammissjoni tieghu fl-udjenza tal-lum.

Tghat zmien lill-imputat biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Minghajr il-htiega li tiddilunga fil-konsiderazzjonijiet taghha stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ser tghaddi minnufih ghall-piena hekk kif qedghha ssib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu hlief fir-rigward tat-tielet li minnha qeghdha tilliberah billi hi alternattiva ghal dik tas-serq. Igifieri ai termini tal-imputazzjonijiet qeghda ssib l-imputat hati tal-istanzi tas-serq u l-hsara volontarja konsegwenti.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c) (g), 263 (a), 264 (1), 267, 269 (g), 278 (3), 17 (h), 31, 49 u 50 tal-Kap9. Tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------